HAL BALZAN

"Hortibus Undique Septa" - Imdawwar bil-Gonna minn kullimkien

IT-TNAX-IL SENA Nru. 62 HAL BALZAN JANNAR/MARZU 1983

EDITORJAL

INDAFA U KWIET

Kull Balzani jħossu kburi jgħid li hu minn Ħal Balzan! Ir-raħal tagħna, villa f'nofs Malta, b'ħafna ġonna bis-siġar tal-larinġ, huwa post NADIF u KWIET, li matul iż-żminijiet, dejjem ġibed igħixu fih, nies nobbli u mlaħħqa tal-gżira tagħna. Dan jixhduh il-ħafna vilel u djar kbar ma' Ħal Balzan kollu.

In-nies tar-raħal, immela, għandhom iħossu d-dmir ċiviku u għalhekk jagħmlu minn kollox sabiex it-toroq, pjazez, "Playing Fields", ħitan ta' bini, u l-postijiet pubbliċi kollha jinżammu xummiema, ħalli raħal twelidna jibqa' jgawdi l-krettu ta' raħal nadif, li jagħmel kburi lil kull min igħix fih!

La s-suġġett waqa' fuq Ħal Balzan — mur ġib lil missirijietna jaraw xi bidliet radikali li saru ġor-raħal matul dawn l-aħħar snin!! Jagħrfuha l-għalqa l-kbira ta' Ġagħnân u Sajru Nies, u l-ħâra ta' wara l-Knisja bi Sqaq iz-Zekkuk u d-Dingejru. Addio l-għalqa tal-Fuli, bil-ħarruba xiħa ġo fiha! Wara Santa Marija sar qisu baħħ; mhux bħal meta konna żgħar ħafna!! Niftakar kont tara kemm-il boton ta' tfal jilagħbu u jixhru ma' l-inħawi kollha u fl-għaxijiet jilagħbu 'Garden Out'. Jifhmuk iż-żgħażagħ li jgħixu ġo Ħal Balzan, illum, meta ssemmilhom 'Triq il-Ġdida' jiġifieri dik li taħbat Triq San Valentinu, li tgħaqqad Triq id-Dritta (illum Triq il-Kbira) ma' Triq Idmejda? Dik il-parti ta' triq dejqa 'l isfel mill-Knisja waqgħet biex għamlet lok għall-pjazza (jew il-Misraħ t'isfel) qisha baħar; spiċċa wkoll il-parapett tas-Sinjurini Sant Fournier!!

Qatt bassru li l-egħlieqi tas-Sorijiet tal-'Buon Pastur' kellhom jingħataw b'ċens sabiex flokhom jitilgħu dawk il-vilel tant lussużi! U xi ngħidu għal fuq il-Linja; m'għadhomx jidhru l-linji mal-medda tagħha! (Il-vapur ta' l-art kien beda l-ewwel vjaġġ tiegħu mill-Belt għall-Imdina sewwa sew mitt sena ilu fit-28 ta' Frar, 1883 u temm l-aħħar wieħed fil-31 ta' Marzu 1931). Kont qed insemmi l-Linja, kont titwaħħax tasal sa hemm qabel ma nbnew vilel u djar qishom palazzi li jsaħħruk tħares lejhom. L-għalqa tal-Gozzu nbniet ukoll u llum il-popolazzjoni tar-raħal tlaħħaq ma' l-erbat elef ruħ, l-aktar li qatt kienet.

Xi ngħidu għall-Bank lussuż il-ġdid — Fergħa tal-Mid-Med Bank Ltd., — li nfetħet għall-pubbliku, nhar it-Tlieta, 14 ta' Diċembru, 1982?

Mill-bqija kollox baqa' l-istess — l-inħawi tat-Tliet Knejjes, Triq id-Dritta, u l-Knisja, kważi kif ħallewhom huma!!

L-isem ta' Ħal Balzan jibqa'. Jalla li dan l-isem ħelu ta' raħal twelidna jibqgħu jikkaratterizzawh l-INDAFA u l-KWIET li x-xjuħ Balzanin missirijietna dejjem ħârsu u għożżew!!

IL-KAMPNAR JIBDA JISSEWWA

MINN VALENTINO MUSCAT

Mhux ftit huma dawk in-nies li għad għandhom friska fil-menti tagħhom il-maltempata qalila li ħakmet il-gżejjer tagħna fis-sigħat bikrin tal-lejl sbiħ it-Tnejn, 11 t'Ottubru, tas-sena li għaddiet. F'dak il-lejl fatali għaddew minn fuq artna rwiefen tant qawwija li ssuperaw il-qawwa ta' l-irwiefen li kienu rreġistrati qabel u li ntesew mal-medda tas-snin. Din il-maltempata għadha stampata fil-menti ta' dawk li tilfu l-għeżież tagħhom, ta' dawk li sfaw korruti waqt li kienu mistrieħa fis-satra ta' djarhom, u ta' dawk kollha li sofrew xi ħsarat fil-proprjetà tagħhom.

Ħal Balzan, għall-grazzja t' Alla u ta' Ommna Marija Annunzjata, ma rregistra la mwiet u lanqas korrimenti ta' individwi. Iżda l-ħsara li messet lir-raħal tagħna niktet il-qlub ta' dawk kollha li għandhom jiġri fil-vini tagħhom demm verament Balzani, u l-pjaga li tnisslet f'qalbhom setgħet tiġġedded kull darba li jgħollu għajnejhom lejn il-kampnar tal-Knisja Parrokkjal tagħna. Dan ġarrab xi ħsara li, għal-kemm ma tidhirx kbira, hija xi ftit iebsa biex tissewwa u titlob spejjeż kbar billi tinsab f'dak il-għoli. Il-Kappillan maħbub u ħabrieki tagħna Dun Tarċis Delicata ma tilifx żmien sabiex il-kampnar jerġa' jieħu d-dehra li kellu matul il-mitejn u erbgħa u sebgħin sena li ilu jiddomina d-djar u l-vilel tagħna, qisu l-għassies tal-ġonna kbar, sbieħ u mfewħa li jdawru r-raħal tagħna. Ta' min ifakkar li l-kampnar tlesta fl-1708, sena biss wara li nbeda fi żmien il-Kappillan Balzani Dun Marju Calleja (1696-1712).

Meta nħarsu lejn il-ħsara tal-kampnar, bilfors ikollna nġibu quddiem għajnejna tliet fatturi prinċipali: il-finanzi biex ikopru l-ispejjeż għat-tiswija, nies imħarrġa fis-sengħa tal-ġebel u kapaċi jaħdmu f'dak l-għoli, u l-armar meħtieġ biex tissewwa l-ħsara f'għoli ta' mitt pied mill-art. Minn dawn, l-aktar waħda li dehret kbira kienet dik ta' l-armar, billi biex issewwiet ħsara bħal din fil-quċċata ta' kampnar ta' knisja oħra kellhom iħallsu eluf ta' liri. Somma bħal din għall-ewwel iġġiegħel lil min hu responsabbli jibda jħokk rasu, iżda fejn hemm rieda tajba żgur li tinsab soluzzjoni. Il-Kappillan indaga u staqsa dwar l-armar; avviċina nies li kapaċi jagħmlu x-xogħol tal-ġebel, u wara dan ordna l-balavostri u xtara ġebel kbir biex jistgħu jsiru żewġ koppli u l-balla l-kbira li kienet tqaċċtet minn postha u saret bċejjeċ.

Wara din il-ġrajja, fil-Każin tagħna tal-Banda San Gabriel ta' spiss kont tisma' min jitħaddet fuq dan is-suġġett, u mhux darba u tnejn dad-diskors tenna ruħu fil-preżenza tal-Kappillan, li spiss iżur il-Każin tagħna. Xi wħud mid-dilettanti li għandhom għal qalbhom il-knisja tar-raħal tagħna u l-festa titulari dehru li tnisslet fihom il-ħrara li jindaħlu għat-tiswija tal-kampnar. Hekk tissewwa l-parti ta' fuq nett u l-ispiża tax-xogħol kollu tkun ferm anqas milli dehret. Iltaqa' gaj ta' nies għal dan il-għan, u wiegħdu l-Kappillan li huma lesti li jieħdu ħsieb jaħdmu u jpoġġu l-pinnur u l-balla f'postha u fl-istess waqt jirranġaw l-ittri u jsewwu l-pinnur, li kien ilu ma jiffunzjona għal dawn l-aħħar sitta u tletin sena. Kull ma riedu li xi ħadd jaħsbilhom għall-armar meħtieġ.

Kien baqa' biss il-kwistjoni ta' l-armar, iżda fl-aħħar anke din ġiet solvuta, mingħajr ħadd ma kien jistenna. Ġara li xi ħadd qabad jitħaddet fuq dan is-suġġett. Mela kien hemm is-sur Ġorġ Grech, li malajr qalilhom li li kieku l-Kappillan tkellem miegħu fuq l-armar kien jiffrankalu ħafna flus. Dan il-kliem wasal f'widnejn il-Kappillan, li malajr avviċina lis-sur Grech u ftit jiem wara rajna trakk mgħobbi b'ħafna kanen u xi fallakki u krejn li tella' kollox fuq il-bejt tal-kappellun ta' ħdejn il-kampnar, u fi ftit jiem rajna l-armar meħtieġ f'postu. Dan l-armar sar mill-kuntrattur is-sur Richie Micallef bin-nies tiegħu.

Il-gaj mill-każin tagħna issa beda l-ħidma tiegħu, jiġifieri li tinħadem il-balla tal-ġebel tal-kobor u l-għamla li kenet qabel, u jissewwew l-ittri N, S, E, W tal-pinnur, li ried isir ukoll mill-ġdid. Biex jaħdem il-balla ndaħal is-sur Nicola Borg, Works Technical Officer mal-Gvern u mħarreġ sew fis-sengħa tal-ġebel. Huwa wettaq dan ix-xogħol fil-ħin tal-mistrieħ tiegħu, u għamlu bi preċiżjoni tant kbira li kien imfaħħar u ammirat minn kull min rah ġewwa l-każin tagħna. L-istess ħaġa nistgħu ngħidu għaż-żewġ sinjuri l-oħra Joseph Calleja u Benny Pace, li ħadu ħsieb jirranġaw l-ittri u jagħmlu l-pinnur il-ġdid. Dawn iż-żewġ sinjuri, huma wkoll imħarrġin tajjeb fis-sengħa ta' l-iwweldjar u ta' l-ibbrejżjar, xogħolhom wettquh b'kapaċità kbira, u qalgħu t-tifħir u l-apprezzament ta' kull min kellu x-xorti jara x-xogħol tagħhom fil-każin tagħna qabel ma jittella' f'dak il-għoli kollu.

Dawn it-tliet sinjuri ta' spiss konna narawhom imxabbtin ma' l-armar, issa biex jeżaminaw kif għandu jsir ix-xogħol u issa biex jaraw xi ħaġa oħra. Magħhom konna naraw ukoll lil dawn is-sinjuri: Valentino Chetcuti, is-sagristan, Calcedonio Micallef, Lino Borg, Carmelo Micallef, Joe Vassallo, u xi oħrajn. Dawn ukoll ħassew li għandhom jagħtu daqqa t'id. Il-Ħadd, 13 ta' Frar 1983, rajniehom hemm fuq biex ikomplu jarmaw il-parti ta' fuq nett biex ikunu jistgħu jaħdmu b'moħħhom aktar mistrieħ. Il-Ħadd ta' wara 20 ta' Frar, reġgħu kienu fuq dak l-armar fil-għoli biex poġġew il-kullarin u l-bażi tal-balla f'posthom, u wara li ħallbuhom ħallewhom jinxfu tajjeb biex jilqgħu fuqhom il-balla l-kbira u l-pinnur li jinkurunaw il-kampnar majestuż tal-maqdes tagħna. Il-Ħadd ta' wara, meta kienu ċerti li dak li għamlu l-Ħadd ta' qabel kien nixef sewwa erġajna rajniehom hemm fuq allavolja t-temp ma kienx favorevoli. Din id-darba poġġew f'postha l-balla l-kbira, li sew fil-kobor u sew fil-piż ma kenitx ħaġa ħafifa li timmaneġġjaha.

Issa kien għad fadal li jitqiegħdu f'posthom l-ittri u l-pinnur. Dan l-aħħar xogħol tagħhom komplewh il-Ħadd, 6 ta' Marzu, u wara dan żar-

• għal paġna 2

"HAL BALZAN"
Toħroġ kull tliet xhur mill-
BORD EDITORJALI — 'HAL BALZAN'

c/o Każin tal-Banda
"San Gabriel"
Ħal Balzan.

Stampat fil-
Lux Press
Hamrun.

MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

Bdew il-ħajja nisranija

Steve Camilleri Bowman
Abigail Briffa
Anna Vella Bardon
Marco Pisani
Joseph Attard
Elizabeth Ann Fenech
Anouk Borg
Anna Maria Depasquale
Keith Vella
Ramon Zammit
Neville Cassar
Christopher Anthony Meilak
Ian Baldacchino
Alexander Spiteri Cremona
Lucienne Camenzuli
Audrey Sultana
Celine Galea
Clara Maria Pirotta
Kevin Callus
Stephanie Cutajar
Raffaella Caruana

Iffurmaw familji ġodda

Antonio Debono ma' Felicità Brincat
Joseph Buhagiar ma' Maria Loreta Deguara
Michael Freisenegger ma' Anna Maria Sammut

Għaddew għall-ħajja bla tmiem

Victor Bowman
Carmelo Caruana
Joseph Farrugia
M. Dolores Debattista
Francis Vella
Sister Emilia Camion
Antonio Sammut
Concetta Ellul
Mary Bonett
Oscar Calleja Urry
Carmela Spiteri
Annunziata Sammut
Joseph Costa

IL-KAMPNAR JIBDA JISSEWWA

• minn paġna 1

maw dik il-parti li kienu żiedu fuq l-armar tal-kuntrattur. Issa li rajna l-ħsara tal-biċċa ta' fuq tal-kampnar lesta, stajna nkantaw innu ta' tifħir lil Alla talli x-xogħol perikoluż kien tlesta minn dawn it-tlett irġiel qalbiena tal-każin tagħna, flimkien ma' xi membri oħra. Dawn kollha ħaqqhom kull tifħir mill-Balzanin għax-xogħol eżatt li għamlu biex tawna mill-ġdid id-dehra stupenda tal-kampnar u għas-somma kbira ta' liri li ffrankaw lill-parroċċa tagħna Nixtieq nagħmilha ċara li dawn in-nies ma ħadu lanqas ċenteżmu wieħed tax-xogħol li għamlu; għaldaqstant ma nistax ma nirringrazzjahomx f'ismi u f'isem ħuti l-Balzanin għall-għajnuna li taw f'waqtha. Nirringrazzja wkoll lis-sur Ġorġ Grech għall-għajnuna li ta biex issolvi ruħha l-kwestjoni ta' l-armar. Fl-aħħar nirringrazzja lis-sur Richie Micallef ta' l-armar biex setgħet issir din it-tiswija.

Ix-xogħol li għad jonqos se jieħu ħsiebu s-sur Pawl Xuereb, bniedem imħarreġ ukoll fis-sengħa tal-ġebel. Nistgħu ngħidu li ġa qed jaħdem dak li jeħtieġ biex il-kampnar jiġi għal li kien. Lil das-sinjur ukoll ngħidulu prosit għax-xogħol li qed iwettaq u nirringrazzjawh tiegħu. Ma nistax ma nagħtix prosit lill-Kappillan tagħna għall-ħidma bla heda tiegħu biex il-kampnar jissewwa fi żmien l-aktar qasir. Nixtieq ukoll nirringrazzjah, u naħseb li miegħi jingħaqdu l-Balzanin kollha, għal dak kollu li għamel fil-knisja tagħna fiż-żmien qasir li ilu magħna. Nagħlaq billi nerġa' nirringrazzja lil kulħadd mingħajr ebda eċċezzjoni, u nappella lill-Balzanin sabiex meta r-raħal ikun jeħtieġna ma nibqgħux lura, iżda nkunu pronti nwieġbu għas-sejħa ta' raħal twelidna. Prosit lil kulħadd!

TAL-LUNZJATA JEW TAL-KARMNU?

minn
P. Serafin Abela O.Carm.

Fil-ħarġa ta' "Ħal Balzan", Ottubru/Diċembru 1982, deher artiklu bit-titlu "Il-Lunzjata fil-Bliet Ewlenin ta' Malta u Għawdex."

L-awtur kiteb, "Fost dawn. . . . tnejn saru parroċċi, dik ta' Ħal Tarxien u dik ta' Ħal Balzan, waqt li oħra fil-Belt Valletta serviet ta' parroċċa. Din kienet il-knisja tal-Lunzjata tal-Karmelitani li kienet wieqfa f'lok Santu Wistin tal-lum."

Niġu għall-fatti. Il-Gran Mastru Fra Pietru del Monte, billi ried li fil-Belt Ġdida barra s-swar jibdew jinbnew ukoll id-djar għan-nies, fit-3 ta' Frar 1569, waqqaf kummissjoni biex tippjana u tqassam l-art għall-bini(1). Il-Patrijiet Karmelitani kienu minn ta' l-ewwel li talbu biċċa art fil-Belt Ġdida biex jibnu kunvent u knisja. Il-Kummissjoni laqgħet it-talba u tat lill-patrijiet biċċa art immarkata bin-numru 53 fil-pjanta tal-belt u mdawra mit-triqat S. Bastjan, S. Mikiel u s-Salvatur — illum jissejħu Triq Zekka, Triq il-Punent u Triq it-Tejatru. L-art kienet twila 22 qasba u fonda 18-il qasba, b'kollox 396 qasba kwadri. Dawn id-dettalji jinsabu fil-kuntratt ta' l-akkwist ta' l-art li sar fis-27 ta' Lulju 1570 għand in-Nutar Placido Habel(2). Fl-istess kuntratt, P. Ġwann Vella, Viċi Provinċjal, li deher għall-Patrijiet Karmelitani, wiegħed li jibni fuq l-art imsemmija knisja, flimkien ma' kunvent, iddedikata lill-Imqaddsa Verġni Marija ta' l-Ordni tal-Karmnu.

Jidher ċar ukoll li ma kienx il-ħsieb tal-Patrijiet Karmelitani li jiddedikaw il-knisja ġdida lil-Lunzjata, għax ġa fis-sena 1580, meta kienet għadha qed tinbena l-knisja, taw il-kappella tal-Lunzjata, li kienet tiġi l-ewwel waħda ħdejn il-kappella tal-Kurċifiss, lill-familja Summarisa(3).

Minn dawn il-fatti li għedna, jiġifieri l-pjanta tat-tqassim tal-Belt Ġdida, Valletta, il-kuntratt, id-deskrizzjoni ta' l-art, l-iskop li għalih kienu qed jakkwistaw l-art, jidher ċar li l-post mogħti uffiċjalment lill-Patrijiet Karmelitani biex fuqu jibnu l-knisja u l-kunvent kien sa mill-bidunett fejn jinsabu llum. Il-knisja sa mill-bidunett kienet imsejħa "tal-Karmnu" u mhux tal-Lunzjata.

Għall-ewwel, sakemm titlesta l-knisja l-kbira li bdiet tinbena fl-1574, il-patrijiet bnew kappella jew knisja żgħira biex ikollhom biex jinqdew għas-servizzi reliġjużi. Din il-kappella fis-16 ta' April 1571 kienet ġa lesta u fiha saret għall-ewwel darba ċ-ċerimonja tal-vestizzjoni ta' xi membri ta' l-Ordni ta' S. Ġwann(4). Meta Mons. Duzzina, fil-Viżta Appostolika tiegħu jgħid li s-Sibt, 19 ta' Frar 1575 żar il-knisja tal-Patrijiet Karmelitani, u li din kienet isservi għal xi żmien ta' parroċċa u li kienet iddedikata lil-Lunzjata kien qed jirriferi għal kappella proviżorja u mhux għall-knisja definitiva. Fil-fatt, il-Viżitatur jiddistingwi bejn il-knisja li kienet isservi ta' parroċċa u l-knisja li kienet għadha kemm bdiet tinbena(5).

Fid-dokumenti u l-kuntratti taż-żmenijiet li qed insemmu, il-Patrijiet Karmelitani xi minn daqqiet huma msejħa "Patrijiet tal-Lunzjata" u xi minn daqqiet "Patrijiet tal-Madonna tal-Karmnu." Ir-raġuni hi li l-ewwel knisja li kellhom il-Patrijiet Karmelitani f'Malta (illum magħrufa bħala l-Lunzjata l-Qadima u tinsab barra r-Rabat) kienet iddedikata lil-Lunzjata u allura lill-Patrijiet kienu jsibuhom b'tal-Lunzjata. Lanqas, ma kienu l-patrijiet li bnew u iddedikaw din il-knisja lil-Lunzjata, iżda kienet l-istess fundatriċi li bniet din il-knisja u ddedikata lil-Lunzjata.

Ref.:

1. A.O.M., 92 Liber Conciliorum MM Joannis Vallettae et Petri de Monte, 1567-70, f.117.
2. A.N., R.4/2 Atti tan-Nutar Placido Abela, 1569-79, Att tas-27 ta' Lulju 1570, Pro fratribus conventu Ordinis Carmelitarum, ff.336-337r.
3. A.C.C.V., Liber Introitus 1587-1613, f.90r.
4. O.A.M., 433 Liber Bullarum MM fr. Petri de Monte 1570-71, f.278r.
5. Visitatio Apostolica, Duzzina, 1575; 19.2.1575.



"Ir-Reffiegħa quddiem l-istatwa tal-Lunzjata preċiż qabel il-purċissjoni ta' l-1982. Mix-xellug għal-lemin jidhru dawn li ġejjin kif ukoll in-numru ta' snin li ilhom jerfgħu: Nikola Borg (20); Anthony Camilleri (13); Tommy Borg (8); Pawlu Xuereb (22); Carmel Chetcuti (20); Il-Kappillan Dun Tarcisio Delicata; Ġorġ Grech (4); John Sammut (16); Karmenu Chetcuti (33); Spiru Vella (13); Gabriel Pullicino (12). Matul il-purċissjoni l-vara jieħu ħsiebha s-Sur Laurence Scicluna. Ir-ritratt ġie meħud fuq idea tas-Sur Guido Borg."

STARLETS
284 HIGH STREET, BALZAN
STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS,
NEWSPAPERS AND
CIGARETTES
TELEPHONE: 41644

SITTIN SENA TA' KATEKIZMU

Sittin sena ilu twaqqaf f'Ħal Balzan l-ewwel ċentru tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, magħrufa aħjar fostna bħala s-Soċjetà tal-Museum. Is-Soċjetà nnifisha kienet ilha mwaqqfa mas-sittax-il sena, u kienet diġà bdiet tixtered sewwa mal-parroċċi ta' Malta. Il-gżira li fiha twieldet is-Soċjetà tal-Museum ma kinetx Malta ta' llum. Irħula żgħar, maqtugħin minn xulxin, mingħajr sistema ta' trasport pubbliku, kienu jgħixu kull wieħed il-ħajja tiegħu. Mezzi ta' komunikazzjoni soċjali kien hawn ftit li xejn, u dawn kienu ġeneralment jolqtu biss l-arja ta' madwar il-belt. Anke Ħal Balzan, bogħod biss mill-kapitali xi erba' mili, kien jitqies minn kulħadd bħala raħal żgħir fil-kampanja, fejn l-għonja spiss kien ikollhom xi dar fejn iqattgħu jiem ta' mistrieħ u vakanzi.

MALTA TAL-GĦOXRINIJIET

Għal 'il fuq minn mitt sena Malta kienet tagħmel parti mill-Imperu Brittaniku li kien iqis lil gżiritna bħala ħolqa essenzjali fil-ħakma tiegħu fuq l-Indja — iżda ftit li xejn iżjed minn hekk. L-iżvilupp soċjali, politiku u ekonomiku tal-gżira kien ġie ttraskurat għal kollox. Il-faqar kont tarah u tmissu b'idejk kullimkien. Xogħol ftit li xejn kien hawn u tista' tgħid li ħadd ma kien għaddielu minn moħħu t-twaqqif ta' servizzi soċjali biex igħinu l-foqra, in-nies bla xogħol u x-xjuħ. Iżda, x'aktarx, l-agħar piaga li kien hawn u li minnha kien ġej il-gwaj kollu kienet l-injoranza.Il-biċċa l-kbira tal-poplu la kien jaf jikteb u lanqas jaqra; skejjel għal ulied il-ħaddiema kien hawn xi ftit, iżda ħadd ma kien qiegħed jagħmel l-iċken sforz biex it-tfal jattendu. Il-qagħda fost il-klassi tan-nofs ftit kienet aħjar; in-nies tassew ta' kultura kont tgħoddhom. Minħabba l-qagħda ekonomika mwiegħra tal-gżira, in-nies professjonali kellhom igħaddu ħajjithom u jaħlu l-isforzi tagħhom jaraw kif jagħmlu biex igħixu ftit aħjar mill-bqija tal-poplu fqir.

IL-QAGĦDA RELIĠJUŻA

Il-qagħda reliġjuża xejn ma kienet sabiħa. Il-knejjes kienu jkunu dejjem mimlija u żgur li ma kien hemm l-ebda ħtieġa li jsir ċensiment biex jaraw kemm nies imorru l-quddies nhar ta' Ħadd. Iżda t-tagħlim kien nieqes ħafna. Wara elfejn sena ta' Kristjaneżmu, Kotba Mqaddsa bil-Malti ma kienx hawn. Kotba oħra reliġjużi kienu limitati għal xi kotba devozzjonali ta' valur limitat. Il-preġudizzju kontra l-ilsien Malti, li kien jaħkem fost il-klassi tan-nofs Maltija, kien daħal anke fil-Knisja, b'mod li mhux biss id-dokumenti kollha tal-Kurja kienu jkunu bit-Taljan, iżda mhux l-ewwel darba li anke l-priedki kienu jsiru bl-istess ilsien, b'mod li ħafna ma kienu jifhmu xejn.

Iżda fost dan l-ambjent negattiv kien beda jidher l-ewwel xaqq dawl. Kien beda qawmien politiku li kien beda jixtered sewwa mal-gżira u li kellu jwassal għall-ewwel gvern responsabbli Malti fl-1921. Il-ġurnaliżmu kien ukoll beda jieħu xejra oħra; idejat li għal xi wħud dehru rivoluzzjonarji bdew jixterdu fostna. Diversi persuni bdew jinteressaw irwieħhom fl-edukazzjoni popolari, ħafna drabi b'sagrifiċċju ta' flushom u ħinhom; iżda b'amministrazzjoni li kienet tqis l-interessi Imperjali qabel kollox, il-progress kien ftit u bil-mod.

Joseph Falzon, M.Sc. (Lond.), B.Sc. (Eng.), B.A. (Arch.), A. & C.E.

DUN ĠORĠ PRECA

Kien f'dan l-ambjent li deher Dun Ġorġ Preca. L-injoranza reliġjuża kienet tagħtih f'qalbu, iżda ta' Nisrani, iben il-Knisja, ma riedx li l-kritika tiegħuf'dan ir-rigward tagħmel għajb lill-Knisja li hu tant kien iħobb. Għalhekk talab lil Alla biex idawwallu moħħu x'għandu jagħmel. Aktar tard hu kellu jirrakkonta li l-ħsieb li jwaqqaf is-Soċjetà ġieh meta, hu u jaqra l-Ittri ta' San Pawl, sab miktub: "Il-ħwejjeġ kollha li smajt minni bix-xhieda ta' ħafna, għaddihom lil nies ta' fiduċja, li jkunu kapaċi jgħallmuhom lill-oħrajn". (*2 Tim 2,2*) Għalkemm mingħajr dubju din is-sentenza kienet il-ġustifikazzjoni evanġelika għall-opra tiegħu, iżda nistgħu ngħidu li l-interess tiegħu fit-tixrid tal-Kelma t'Alla kien sa minn ħafna żmien qabel. Minn mindu kien għadu żagħżugħ u għadu l-iskola, dak iż-żmien il-Belt, kien iħobb jinżel ix-xatt igħallem lill-baħrin ta' fuq l-iskejjen. U minn qabel sewwa l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu kien ifittex iż-żgħażagħ, ħafna drabi billi jindiehes magħhom fil-logħob tagħhom, biex iwasslilhom l-evanġelju. U appuntu kien permezz ta' dawn iż-żgħażagħ li aktar tard kellu jwaqqaf is-Soċjetà tal-Museum.

Il-pjan ta' Dun Ġorġ kien sempliċi biex tgħidu, iżda meta tqis l-ambjent li fih twettaq ikollok bilfors tgħid li id Alla kienet miegħu. Ried li jwassal il-messaġġ Nisrani lill-bnedmin kollha. Biex iwettaq dan il-ħsieb kien jeħtieġ għodda u nies tas-sengħa li kapaċi jħarrġuha. It-tnejn kienu neqsin; għalhekk medd għonqu għax-xogħol hu stess. Kellu l-ewwel iħarreġ in-nies, imbagħad jaħdmilhom l-għodda u jgħallimhom jużawha.

IL-FORMAZZJONI TAL-MEMBRI

Il-kariżma li kellu Dun Ġorġ li jiġbed iż-żgħażagħ lejh kienet tassew straordinarja. Il-programm li kien iressaq quddiem iż-żgħażagħ tiegħu ma kienx wieħed ta' divertiment u rikreazzjoni. Kien jaf tajjeb li min irid iwassal lil Kristu qabel xejn irid ikun ta' Kristu. Kristu u d-dinja qatt ma qablu flimkien, u għalhekk dawk li jaħdmu fl-appostolat kien jeħtieġ li jinqatgħu mid-dinja. Għalhekk Dun Ġorġ beda jbiegħed liż-żgħażagħ tiegħu minn dak kollu li seta' jfixkilhom mill-imħabba ta' Kristu u jħarrigħom fil-virtù tal-penitenza u ċ-ċaħda tad-dinja.

Ferm għal qalbu kienet il-virtù ta' l-imħabba tal-proxxmu, l-aktar fejn tidħol l-imħabba lejn l-egħdewwa. Ftit kienu dawk li ma baqgħux impressjonati meta semgħuh jitkellem, jew qraw xi kitba tiegħu fuq dan is-suġġett. Tul ħajtu kollha kellu mħabba lejn il-fundatur tas-Soċjetà ta' Ġesù, San Injazju ta' Loyola, tant li għal xi żmien anke tħajjar jidħol Ġiżwita, u minn dan il-qaddis ħa l-għożża lejn il-virtù ta' l-intenzjoni retta, jiġifieri li kull ma jsir min-Nisrani għandu jkun għall-akbar glorja t'Alla. Dun Ġorġ fehem tajjeb li kull min hu mpenjat fl-appostolat hu espost għal żewġ perikli. Jekk il-ħidma tiegħu tkun tidher li qiegħda tħalli l-frott, allura jitkabbar fih innifsu u jaħseb li minnu ġej kollox u mhux mill-grazzja t'Alla. Jekk le, allura jaqta' qalbu u jabbanduna kollox. Mingħajr intenzjoni retta l-appostolat ma jdumx u ma jħallix frott. Mal-ħajja tal-virtù ried li jżid jagħżel għall-membri tas-Soċjetà tiegħu stil ta' ħajja mibnija fuq l-evanġelju. Ħeġġiġhom għat-talb privat u flimkien, li jersqu spiss għas-sagramenti u, fuq kollox, ried li jipprattikaw iċ-ċelibat.

Meta kellu l-ħaddiema ried jagħtihom l-għodda; iżda mhux biss ried li jdarrihom jużawha, iżda wkoll jagħmluha huma stess. Kotba ma kienx hawn — għalhekk kitibhom hu. Fost il-kittieba bil-Malti Dun Ġorġ kien mill-ewlenin, mhux biss fiż-żmien, iżda wkoll fil-kwantità. F'dan ir-rigward Dun Ġorġ kien benefattur mhux biss tal-Knisja Maltija, iżda tal-poplu Malti kollu. Wera li l-Malti kien mezz effettiv għall-edukazzjoni tal-poplu u ma kellu xejn anqas minn ilsna oħra biex jintlaħaq dan l-iskop. Kien ta' għajnuna kbira għall-pubblikazzjoni tal-Kotba Mqaddsa bil-Malti, u meta Mons. P.P. Saydon, Dun P.P. Grima u Ġ. Muscat Azzopardi bdew jittraduċu l-Bibbja ħeġġeġ kemm felaħ lill-membri tas-Soċjetà biex jixtruha u jużawha fit-tagħlim. Dun Ġorġ ħadem ħafna mhux biss biex hu jippubblika kotba reliġjużi iżda talab lill-membri tal-Museum jagħmlu l-istess. B'hekk dehru, għall-ewwel darba bil-Malti, kotba tat-teoloġija, fost affarijiet oħra.

IL-KATEKEŻI TAT-TFAL

Iżda x'aktarx li l-qofol tax-xogħol ta' Dun Ġorġ kien fil-qasam tal-katekeżi tat-tfal, fejn mhux biss kien il-pijunier ta' din l-attività fi gżiritna, iżda ħoloq metodu li għal żmienu kien xejn anqas minn rivoluzzjonarju. Ried fost affarijiet oħra li t-tfal jiġu mħarrġa fl-użu tal-Kotba Mqaddsa kemm jista' jkun kmieni. Ried li t-tagħlim li jingħataw it-tfal ma jkunx biss tagħlim bl-amment ta' formoli minn ktieb li huma bilkemm jifhmuhom (għalkemm dejjem żamm, u bir-raġun, li t-tagħlim bl-amment għandu l-importanza tiegħu). Fuq kollox ma riedx li ssir distinzjoni bejn it-tfal fuq il-bażi tal-klassi soċjali. Is-Soċjetà kellha tkun miftuħa għal kulħadd; anzi emfasizza li b'xi mod il-foqra kellhom ikunu ppreferuti (iżda mingħajr b'hekk ma jiġu offiżi l-għonja) minħabba li l-ħtieġa tagħhom kienet akbar. Għal Dun Ġorġ il-katekeżi kienet tagħlim li jrid jibda fil-familja sa mill-iċken età, b'eżempju Nisrani mill-ġenituri, u jkompli tul il-ħajja kollha mingħajr waqfien. Il-Kotba Mqaddsa kellhom ikunu f'idejn kulħadd u għalhekk kien jeħtieġ li kulħadd ikollu preparazzjoni addattata permezz ta' tagħlim fit-tul, u mhux biss qabel l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma.

PRINĊIPJI PEDAGOĠIĊI

Fis-sistema tat-tagħlim tiegħu x'aktarx li kien influwenzat mill-idejat ta' pijunier ieħor tal-ħidma fost iż-żgħażagħ, San Ġwann Bosco. F'lista ta' regolamenti miktuba ftit snin wara li twaqqfet is-Soċjetà biex jiggwidaw lill-membri fit-tagħlim lit-tfal, ħadha ċar u tond kontra ħafna mill-prattiċi edukattivi ta' żmienu. L-għalliem kellu juża l-ħlewwa fid-dixxiplina tiegħu mat-tfal, igħallimhom bi stil sempliċi b'mod li jifhmu kulħadd, ma jagħmel l-ebda għażla fost it-tfal lanqas fuq il-bażi ta' kapaċità intellettwali, u fuq kollox ma jkunx kuntent biss li t-tfal jitgħallmu l-Kelma t'Alla, iżda li jgħixuha. Minħabba li ħafna mit-tfal ma kinux imorru skola, intebaħ li l-Knisja kienet se tiffaċċja problema serja f'qasir żmien. Diġà f'ħafna pajjiżi l-Knisja kienet tilfet il-klassi tal-ħaddiema, li billi ħassewhom abbandunati minn kulħadd, marru bi ħġarhom wara tagħlim żbaljat. L-istess seta' jiġri f'Malta; il-Knisja ma għandha xejn x'tirbaħ mill-injoranza u xejn x'tibża' mit-tagħlim. Kien għalhekk li sa mill-bidu, Dun Ġorġ ried li l-membri tas-Soċjetà jinsistu fuq in-neċessità tat-tagħlim ta' l-iskola mat-tfal u mhux biss fuq it-tagħlim tar-reliġjon. Hekk ried li ebda tifel ma jiġi ammess fil-klassi, li hu sejħilha tal-Magħżulin, għal tfal minn tnax-il sena 'il fuq, jekk ma jkunx beda jitgħallem jikteb u jaqra. Dan sewwa biex ħafna tfal, li mill-bqija kienu jibqgħu ħajjithom kollha illitterati, tgħallmu ftit skola, spiss mill-istess membru tal-Museum li kien igħallimhom id-duttrina.

L-EDUKAZZJONI TOTALI TAT-TIFEL

Dun Ġorġ kien fost l-ewlenin li hawn Malta ħares lejn l-edukazzjoni totali tat-tifel bħala l-għan ewlieni li kull min qiegħed jaħdem f'dan il-qasam għandu jfittex li jilħaq. Għalhekk ħass il-bżonn li mat-tagħlim tal-katekiżmu jimla l-vojt imħolli min-nuqqas ta' edukaz-

• għal paġna 4

TURA
FILMS

TURA
DEDICATED
TO
PROGRESS

TURA

SKARPOLI

Għal kull xorta ta' tiswijiet ta' żraben

IRRIKORRU GĦAND SKARPOLI
TA' TRIQ IL-KBIRA, ĦAL BALZAN

Minn għandu tieħu xogħol tajjeb. Jibdel platforms u supratakki u jagħmel uċuħ ġodda tal-krakar.

Ħinijiet tax-xogħol:
Mit-8.30 a.m. sa nofs in-nhar u
mit-3.00 p.m. sas-7.00 p.m.

Apprezzament

PEPPU FARRUGIA

Meta smajt bil-mewt tal-ħabib tiegħi Peppu Farrugia, jew, kif jafuh il-Balzanin, is-Sur Peppin, li ġrat fl-Isptar San Luqa fil-15 ta' Novembru 1982, feġġet quddiem għajnejja silta minn "Julius Caesar" ta' Shakespeare, li tgħid:

His life was gentle and the elements
So mixed in him that Nature might stand up
And say to all the world: This was a man.

U tassew kien jixraqlu li jissejjaħ raġel, anzi raġel fuq l-irġiel.

Sirt nafu meta kien joqgħod il-Furjana kważi fil-bidu taż-żwieġ tiegħu iżda sirt aktar midħla tiegħu meta kien Chief Clerk, fejn kien magħruf għall-qalb tajba tiegħu, għal dik il-kalma li biha kien iżarmak, u l-aqwa fost kollox għall-onestà. Sirna ħbieb tal-qalb u bqajna ħbieb għal għomorna. Ħaġa li ressqitna ħafna lejn xulxin kien il-'Floriana Football Club'; jien kont President tal-klabb u huwa kien partitarju akkanit, tant li ftit snin warajja wkoll inħatar President tal-klabb. Din in-namra lejn il-Football Club tagħna wirtuha wkoll uliedu Dr. Tony Farrugia, li għal bosta snin serva wkoll bħala President tal-klabb, u Dr Herman, it-Tabib Onorarju ta' l-istess Club.

Peppu Farrugia kellu karriera brillanti fis-Servizz Ċivili. Dejjem okkupa karigi għoljin, u spiċċa bħala 'Accountant General. Wara li spiċċa miċ-Ċivil, il-Knisja għamlet użu mill-esperjenza tiegħu. Dan l-aħħar kont narah spiss meta joħroġ mill-Kurja, il-Furjana, u konna nagħmlu xi diskursata qasira.

Il-ħin liberu tiegħu ma kienx iqattgħu fil-għażż. Għal bosta snin twal kien il-Kaxxier tas-'Civil Service Sports Club', u tant kien rikonoxxenti lejn il-ħidma tiegħu li wara li rtira ħatruh President Onorarju għal ħajtu. Hekk ikunu l-irġiel. Kien tassew jixraqlu. Peppu kien ukoll Teżorier tal-Fratellanza tal-Karità ta' San Pawl tal-Belt, ta' l-Onorati, u ta' Kana. Għal xi żmien kien jokkupa l-post ta' President fil-Kumitat Ċiviku ta' Ħal Balzan. Kien ukoll ta' għajnuna kbira fil-ħidma parrokkjali ta' dan ir-raħal. Peppu kien jagħmel ħafna xogħol ta' fejda bil-moħbi, l-aktar favur l-iltiema, u bla dubju l-iltiema Maltin ikomplu jitolbu għalih għall-'Meat Fund' li kien imexxi b'risq l-orfanatrofji djoċesani. Kemm mijiet ta' tfal kienu jieklu l-laħam bil-ħidma tiegħu u ta' sħabu! Ma'daw n inżidu wkoll il-fqar u dawk fil-bżonn, li bbenefikaw mis-Soċjetà ta' San Vinċenz tat-tliet irħula, li tagħha kien ukoll it-Teżorier. Żgur li dawn ukoll jitolbu għalih u ma jinsewh qatt fit-talb tagħhom.

Peppu issa ħalliena biex mar jingħaqad mal-Ħallieq tiegħu, iżda t-tifkiriet tiegħu jibqgħu magħna. Inwasslu l-għomor lil martu s-Sinjura Inez, lit-tfal tiegħu Dr Tony Farrugia u martu s-Sinjura Mary Rose, Dr Herman u martu s-Sinjura Alice, lis-Sinjura Marie u żewġha s-Sur Neville Wood, neputijiet u qraba. Fil-waqt li nħeġġu lill-qarrejja jitolbu għal ruħu, u ngħidu flimkien:

"Jistrieħ fil-paċi tal-Mulej", kull min jafu jwieġeb: "Amen", Hekk Ikun.

E.S. TONNA

CHEV. OSCAR CALLEJA URRY



Mas-sebħ tat-Tlieta, 28 ta' Diċembru 1982, il-bandiera tperper f'nofs l-arblu tal-Każin Marija Annunzjata ħabbret il-mewt tal-President Onorarju tagħha l-Kavallier Oscar Calleja Urry,u hekk sar jaf kulħadd bil-mewt tiegħu.

Għalkemm lill-Kavallier m'hemmx għalfejn wieħed jintroduċih, għax ġo Ħal Balzan kien magħruf biżżejjed, speċjalment fis-Soċjetà Marija Annunzjata li tagħha kien President Onorarju, hija ħaġa sabiħa li nfakkruh issa li m'għadux magħna. Oscar kien jiffrekwenta spiss il-Każin Marija Annunzjata, speċjalment meta kienet toqrob il-festa titulari; huwa kien jiġi ta' sikwit fis-Soċjetà meta jibda jintrama l-armar, u kien dejjem moħħu fil-qlugħ tal-baned sakemm jisma' li kollox sew mingħand id-delegati tal-festa.

Huwa kien raġel onest u eżemplari u moħħu fil-familja. Kellu karttru ċajtier u ħelu, u kien mimli b'dedikazzjoni kbira għall-festa ta' Marija Anunzjata. Kont tarah kullimkien imdawwar b'xi grupp ta' nies. Il-mewt tiegħu hekk ta' malajr ħasdet lil kull min kien jafu, b'mod speċjali f'Ħal Balzan. Postu fis-Soċjetà jibqa' battal. Il-Mulej isabbar il-familja tiegħu u lilu jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem li tant jistħoqqlu.

Pawlu Grima
President

Sittin Sena ta' Katekiżmu

• minn paġna 3

zjoni tat-tfal. Hekk ried li jsir tagħlim fuq imġiba tajba, fuq il-ħarsien mill-periklu u fuq regoli ta' iġjene elementari. Fil-Ħdud u l-festi, it-tfal kellhom imorru ma' min igħallimhom fil-kampanja jew ħdejn il-baħar, kemm bħala rikreazzjoni, kif ukoll bħala għajnuna għall-iżvilupp fiżiku tat-tfal.

Dun Ġorġ għaraf igħaqqad l-idejali evanġeliċi mal-kultura tas-soċjetà Maltija. Dan għen mhux ftit għat-tixrid tas-Soċjetà fost il-poplu ta' dawn il-gżejjer. Ħafna diffikultajiet xekklu l-iżvilupp tas-Soċjetà. Xi persuni ftit li xejn fehmu l-idejal tas-Soċjetà, jew issuspettaw li kien hemm finijiet ħżiena fl-ewwel membri tagħha. B'hekk l-għarfien uffiċjali min-naħa tal-Knisja dam ma ġie sa l-1932. Il-qagħda ekonomika, dejjem imwiegħra, u n-nuqqas ta' servizzi adekwati żammew lura ħafna attivitajiet tas-Soċjetà. Fuq kollox, il-gwerra, bil-qerda u t-taqlib li ġabet magħha, harbtet għal xi żmien il-ħajja tas-Soċjetà.

Imma kollox ġej mill-Providenza t'Alla. Wara l-gwerra diversi liġijiet soċjali li ddaħħlu fil-pajjiż kienu ta' għajnuna kbira għall-iżvilupp tas-Soċjetà. Il-liġi ta' l-edukazzjoni obbligatorja fissret li l-livell tat-tagħlim seta' jogħla iżjed. Is-sigurtà ekonomika li kienet kibret fost il-poplu fissret li l-faqar ta' qabel il-gwerra kien qiegħed jispiċċa. Mezzi ta' komunikazzjoni kienu qegħdin igħaqqdu 'l Malta mad-dinja. Il-moviment emigratorju wassal biex ħafna Maltin iħallu art twelidhom lejn pajjiżi mbiegħda u magħhom marret is-Soċjetà tal-Museum għax fetħet l-ewwel attività tagħha fl-Awstralja fl-1956.

IL-MUSEUM F'ĦAL BALZAN

F'Ħal Balzan il-Museum għadda mill-ġrajjiet li minnhom għaddiet il-bqija tas-Soċjetà. L-ewwel dar infetħet fl-1923 fi Triq Annunzjata u hemm kellha tibqa' sa ma bdiet il-gwerra. Tul il-gwerra, il-Museum ma kellux post stabbli u l-membri kienu jiltaqgħu fejn jistgħu. Wara l-gwerra ttieħed il-post preżenti li matul iż-żmien ġie rrangat u mkabbar biex jilħaq ma' ħtiġijiet ġodda.

Sittin sena huma żmien twil, u tul dawn is-snin mijiet ta' tfal ħadu xi parti mill-edukazzjoni reliġjuża tagħhom fil-Museum.

SAJDA MUSEUMINA F'ĦAL BALZAN

Għaxart ijiem ta' Konferenzi Spiritwali mit-Tnejn 6 ta' Ġunju sal-Ġimgħa 17 ta' Ġunju, fis-7.15 p.m. fuq iz-zuntier tal-Knisja.
Titlifx din l-okkażjoni ta' ġid. Il-Mulej jistiednek.

KOMPETIZZJONI

Tfal,

Qabel ma niġi għall-kompetizzjoni li lestejnielkom għal dil-Ħarġa li hija t-tnejn u sittin waħda, nixtieq nagħmilha ċara għalikom li did-darba kull wieħed u waħda minnkom tistgħu tibagħtu żewġ soluzzjonijiet għal żewġ kompetizzjonijiet jiġifieri tistgħu tibagħtu l-kompetizzjoni li dehret fil-ħarġa numru 61 ta' Ottubru-Diċembru 1982 li ser titqassam ukoll ma' din il-ħarġa. Dawk iż-żewġt itfal li ġa bagħtu l-kompetizzjoni tal-ħarġa nru 61 ma għandhomx għal fejn jerġgħu jibagħtuha.

Issa niġu għall-kompetizzjoni ta' din il-ħarġa. Din id-darba għandkom sett ta' qwiel (proverbji) li tridu tiktbuhom kif suppost wieħed jismagħhom billi aħna qallibniehom. Dawn qegħdin f'żewġ biċċiet kull wieħed. Eżempju ta' wieħed mill-qwiel. Aħna ma ngħidux "bin-nhar ta' Sibt Alla ma jħallasx" iżda dan il-qawl nisimgħuh hekk :— Alla ma jħallasx bin-nhar ta' Sibt.

Issa ħalli naraw jekk tħaddmux raskom tajjeb biex tiktbu sewwa dawn il-ftit qwiel kif suppost jinkitbu :

1. Il-bard ta' Jannar — li ma tridx li ħaddieħor jagħmel lilek.
2. Awissu — marzellu ħaraq il-moxt u r-rixtellu.
3. Bħal ta' l-ewwel — jidħol fis-sala membru.
4. Mejju mirjieħ — iqaxxar ġild il-ħmar.
5. Diċembru — bid-deni stennieh.
6. Frar — la taqla' u lanqas tħawwel.
7. La tagħmilx dak — ix-xemx taħarqu u x-xita tmissu.
8. Marzu — ifawwar il-bjar.

Bħas-soltu ibagħtu l-kompetizzjonijiet tagħkom f'envelope magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda San Gabriel, jew impustawh intom stess fil-letter box ta' l-istess każin. Għandkom żmien sat-28 ta' Mejju 1983.

Nerġgħu nfakkru li r-rebbieħ tal-kompetizzjoni tal-ħarġa Nru. 59,60 ta' April-Settembru 1982 kien David Axiaq li joqgħod 43 Triq it-Tliet Knejjes, Balzan.

Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulu aħna.

MARY'S HOUSE
7, CASTILLE PLACE, VALLETTA
(near Upper Barracca Gardens)
LEADING STORE IN MALTA LACE MANUFACTURING
Souvenirs and Malta weave,
Postcards,
Ceramics,
Wooden Dgħajsas,
Maltese National Dolls.
A visited is solicited. Tel: 21337

VITAFOAM
ISEM TA' GARANZIJA
PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMĦADDED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OĦRA TAL-FOAM
VITAFOAM LIMITED
INDUSTRIAL ESTATE, SAN ĠWANN (B'KARA)
Telephone: 36275/76